# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar il-Hamis sittax (16) taʼ Novembru 2017**

**Rikors Numru 315/17 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali 166A Nru 2029/2017 fl-ismijiet**

**Carmel Azzopardi (ID 437575M)**

**vs**

**Stephen Azzopardi (ID 523179M)**
**u**
**Stephania Demicoli (ID 215280M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-23 ta’ Ottubru 2017 fejn ir-rikorrenti Stephen Azzopardi u Stephania Demicoli talbu lill-Qorti s-segwenti:

1. *Illi Carmel Azzopardi pprezenta ittra ufficiali fl-Qorti tal-Magistrati Malta li ggib in numru 2029/2017 fl ismijiet premessi fid-29 ta' Awwissu, 2017.*

2. *Illi Stephen Azzopardi gie notifikat b’tali ittra fil-11 ta' Settembru, 2017 filwaqt li Stephanie Demicoli giet notifikata bl-istess ittra nhar l-1 ta' Settembru, 2017.*

3. *Illi fiz-zmien stipulat taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12, l-esponenti wiegbu ghal din l-ittra ufficjali, permezz ta’ Ittra datata 19 ta Settembru, 2017.*

4. *Illi tali ittra filwaqt li ghamlet referenza ghall ittra prezentata minn Carmel Azzopardi u datata 29 ta' Awwissu, 2017, tali giet prezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili.*

5. *Illi minkeija din it-twegiba, l-Ittra Ufficjali 2029/2017 xorta giet reza ezekuttiva fit-12 ta' Ottubru 2017 u sahansitra nhargu Mandati ta' Sekwestru ibbazat fuq l-istess ittra.*

6. *Illi b'referenza ghall qorti li fiha giet prezentata l-oppozizjoni ghal tali ittra, jinghad ili il piu comprendo il meno u ghaldaqstant tali xorta ghandha titqies bhala oppozzizjoni ghall-ittra ufficjali bin-numru 2029/2017.*

7. *Illi s-sustanza ghandha tirbah fuq il-forma u huwa car u manifest li l-esponenti oggezzjonaw ghat-talbiet hekk kif esposti fl ittra ufficjali u ghalhekk l-imsemmija ittra ma ghandhix tkun ezekuttiva.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghdin jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jinghata provvediment invista tas-suespost u titlob illi i-istess ittra ufficiali ma tibqax meqjusa provvediment ezekuttiva*

Rat l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna intavolata quddiem **Il-Qorti tal-Magistrati** u mibghuta a tenur tal-Artikolu 166A lir-rikorrenti mill-intimat Carmel Azzopardi fid 29 ta' Awissu 2017, Nru 2029/2017 u esebita mill-intimati. (fol 2)

Rat l-Ittra Ufficjali intavolata quddiem **Il-Prim Awla tal-Qorti Civili** mibghuta mir-rikorrenti Stephen Azzopardi u Stephania Demicoli lill-intimat Carmel Azzopardi datata 19 ta' Settembru 2017, Nru 3358/17 u esebita mill-intimati. (fol 5)

Rat illi fil 25 ta' Ottubru 2017 il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat u appuntat il-kaz ghall-ewwel dehera ghas 6 ta' Novembru 2017.

Rat ir-riposta ta' l-intimat ippresentata fit-3 ta' Novembru 2017 fejn l-intimat qal is-segwenti:

*Illi permezz ta' ittra ufficiali ai termini tal-artikolu 166A mahruga kontra Stephen Azzopardi u Stephania Demicoli, esponent irrefera ghal konvenju ffirmat bejn il-partijiet nhar l-4 t'Awwissu 2015, liema konvenju gie mgedded nhar is-27 ta' Lulju 2016, fir-rigward tax-xiri skadew ai tal-fond bin-numru 34, Anhia, Psaila Street, Birkirkara, liema konvenju u tigdid termini skadew ai termini tal ligi, sabiex permezz ta' tali ittra jitlob rifuzjoni tal-hlas ta' hmistax-il elf ewro (€15,000), flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijijet legali mill-4 t'Awissu 2015 stante li l-intimati naqsu milli jinterpellawh biex jersaq ezekuzzjoni tal-istess, u ghalhekk huma obbligati jirritornaw ujirrifondu d-depozitu msemmi bl-imghaxijiet skont il-ligi.*

*Illi 1-esponent jissottometti illi l-konvenju in kwistjoni huwa null stante li ma giex irregistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif tistabbilixxi l-ligi.*

*Illi inoltre l-intimati gew imwissija li jekk huma jongsu milli jaghmlu nota fir-Registru tal-Qorti fi zmien 30 gurnata min-notifika lilhom tal-ittra ufficiali sabiex jirrespingu t-talbiet atturi, dik 1-ittra kienet ser tigi reza ezekuttiva, bil-konsegwenza li huma kienu ser jesponu ruhhom ghall-konsegwenti mandati ezekuttivi kontra taghhom sabiex isir il-hlas ta' dak dovut minnhom.*

*Illi madanakollu, l-intimati naqsu milli jaghmlu nota fl-atti tal-ittra ufficiali bin-numru ta referenza 2029/2017 u minflok ghamlu ittra ufficiali ntavolata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn huma rrrespongew it-talbiet atturi bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress li skont huma, in-nuqqas li jinghata tali avviz ma jolqotx il-validita tal-obbligazzjoni (il-bejgh jew ix-xiri tal proprieta) izda l-esegwibbilita taghha.*

*Illi permezz tar-rikors odjern, l-intimati qeghdin jallegaw li l-ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Artikolu 166 A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura ma gietx reza ezekuttiva, stante oppozizzioni da parti taghhom, u li s-sustanza ghandha tirbah fuq il-forma, u ghalhekk stante li huma ressqu oggezzjoni ghat-talbiet kif kontenuti fl-ittra ufficjali mibghuta mill esponent, anki jekk mhux fil-Qorti fejn kellha tigi rregistrata u anki jekk mhux fil-forma stabbilita fil ligi, din l-Onorabbli Qorti ghandha tqis li kien hemm oppozizzioni ghat-talbiet atturi u ghaldaqstant ghandha tiddikjara li l-ittra ufficjali li nharget taht l-artikolu 166A ma gietx reza gietx reza ezekuttiva, u li m'hemmx lok ghall-mandat ta' sekwestru li sar mill-esponent.*

*Illi bid-dovut rispett, l-esponent ma jaqbel xejn ma' dak li qeghdin jghidu l-intimati, u dana stante illi l-kliem tal-Artikolu 166A (3) u (4) huwa car u tassattiv:*

*L-ittra ufficiali ghandu wkoll ikun fiha taht piena ta nullita intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali billi jippresenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega tal-firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-Ittra ufficiali tkun tikkostitwixi titolu ezekuttivv.*

*Illi konsegwenza ta' nuqqas ta' osservazzjoni tad-dettami stretti imposti mill-ligi hi spjegata fis-subartikolu (4) li jistabbilixxi illi:*

> *(4) Meta debitur ma jopponix it-talba fi zmien 30 jum min-notifika taghha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiz-zmien hawn gabel imsemmi, l-ittra ufficiali ghandha ghar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu ezekutiv bhallikieku dik l-ittra ufficiali kienet inkluza fl-artikolu 253(a).*

*Illi dawn is-subartikoli tal-ligi huma interpretati bl-aktar mod strett, u sahansitra l-Qrati taghna, meta jigu biex japplikaw dawn id-disposti tal-ligi, jinterpretawhom bl-aktar mod restrittiv possibbli. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'sentenza moghtija nhar it-3 t'Ottubru 2012 fl ismijiet* ***Mompalao Trading Ltd (C 41123) vs Nestle Malta Ltd (C33045)*** *stabbilixxiet hekk:*

> *"Illi l-ligi hi wkoll specifika dwar kif ghandha ssir oppozizzjoni ghal ittra ufficjali mibghuta taht l-artikolu 166A tant illi, skont l-Artikolu 166A (3), l-ittra ufficjali stess mibghuta ghall finijiet tal-Artikolu 166A, ghandha tinkludi, taht piena ta' nullita, intimazzjoni lid-debitur dwar kif dan ghandu jwiegeb jekk jixtieq jopponi t-talba u dan hu billi jipprezenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficiali li fiha tigi respinta t-talba. Ghaldaqstant, il-metodu kif issir in-nota u kif ghandha tigi pprezentata hu, f dan il-kaz, essenzjali ghall-validita ta' tali oppozizzjoni stante illi johrog carament mil-ligi li tipprovai mekkanizmu car u preciz mhux biss ghall azzjonijiet ta' hlas ta' dejn cert, likwidu u dovut, izda anke ghall-oppozizzjoni ghal tal azzjonijiet. Li kieku l-Qorti kellha taccetta li oppozizzionijiet jistghu jsiru b'mod iehor, tkun mhux biss qed tmur kontra l-procedura stabbilita b mod preciz*

> *fil-ligi, izda wkoll tkun qed timponi piz impossibbli fuq ir-Registratur li alllura, f'kazijiet fejn ikun mitlub ifittex saritx oppozizzioni ghal ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A ma jistax sempliciment u kif ghandu jaghmel, ifittex fl-atti ta' dik l-ittra, izda jkollu wkol jikkunsidra li setghet forsi saret xi opposizzjoni b'xi mod iehor.*
>
> *... l-opposizzjoni ma tistax issir bi kwalunkwe mod li jiddeciedi d-debitur izda biss bil-mod predizat f'dan l-istess Artikolu, u ghalaaastant 'oppozizzjoni' maghmula mod iehor hija nulla ghall-finjiet ta' dan l-Artikolu, u ma tistax ixxekkel l-operat ta' tali Artikolu u dawk sussegwenti."*

*Illi minn dan isegwi li l-esponent kien gustifikat jipprocedi bit-talba ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-intimati u dan stante li l-oppozizzioni taghhom, jekk hemm, ma gietx irregistrata u notifikata lilu fil-forma stabbilita fil-ligi u ghaldaqstant kwalsiasi azzjoni li mhix strettament konformi mal-ligi hi irrita u nulla u konsegwentement m'ghandha l-ebda effetti legali.*

*Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi biex tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.*

*Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-savju u superiuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Rat illi fis-6 ta' Novembru 2017 il-partijiet qablu illi l-kawza setghet tithalla ghat-trattazzjoni finali.

Rat illi fid 9 ta' Novembru 2017, ir-rikorrenti esebiew tlett dokumenti, li jinkludi konvenju datat 4 ta' Awissu 2015 u 27 ta' Lulju 2016.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fid 9 ta' Novembru 2017, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-procedura ta' l-intavolar ta' Ittra Ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A hija procedura specjali mahluqa in konnessjoni ma' talbiet ghal hlas ta' dejn li huwa cert, likwidu u dovut u li jaghlaq u li ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt, liema procedura giet introdotta permezz ta' Att IX tas-sena 2004, kif sussegwentement emendat.

Jirrizulta illi tali procedura tikkontempla illi l-persuna li jkun ser jadopera tali mezz ghandu jippresenta Ittra Ufficjali fi format stabbilit mill-Ligi u, wara li jghaddu tletin jum min-notifika ta' tali att lill-parti l-ohra, f'kaz ta' nuqqas ta' opposizzjoni jew inkella opposizzjoni parzjali, din l-Ittra Ufficjali titqies bhala Titolu Ezekuttiv, in toto jew in parte, bhallikieku kienet Ittra Ufficjali kienet sentenza jew decizjoni tal-Qorti kif stabbilit fl-Artikolu 253 (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta illi, fost dak rikjest mill-legislatur w il-Ligi, lil min ikun qieghed jadopera l-Ittra Ufficjali provduta fl-Artikolu 166A tal-Kap, taht piena ta' nullita, l-Ittra Ufficjali ghandu jkollha, kif rikjest fis-subartikolu (3) tal-Artikoliu 166A:

*intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:*

Jirrizulta illi l-Ittra Ufficjali meritu tar-rikors odjern, ossija l-Ittra Ufficjali 2029/2017 intavolata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fid-29 ta' Awissu 2017 fl-ismijiet *Carmel Azzopardi vs Stephen Azzopardi u Stephania Demicoli* tinkudi tali twissija fil-parti ta' fuq taghha.

Jirrizulta illi r-rikorrenti fil-proceduri odjerni, ossija Stephen Azzopardi u Stephania Demicoli, flok nota ghazlu illi jintavolaw Ittra Ufficjali fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Settembru 2017 fejn, filwaqt illi ghamlu referenza ghall-Ittra ufficjali fuq imsemmija, qalu illi t-talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt.

Jirrizulta illi l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna, Ittra Ufficjali Nru 2029/2017, giet reza ezekuttiva fit-12 ta' Ottubru 2017 u jidher illi r-rikorrenti gew notifikati b'Mandat ta' Sekwestru, ghalkemm fil-proceduri odjerni ma gew ippresentati ebda atti f'dana is-sens.

Jirrizulta illi r-rikorrenti intavolaw il-proceduri odjerni sabiex jattakaw l-fatt illi l-Ittra Ufficjali 2029/2017 giet reza eskuttiva u dana unikament abbazi tal-fatt illi huma kienu opponew ghal tali Ittra Ufficjali kif trid il-Ligi.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrenti jikkontendu illi la darba huma ppresentaw Ittra Ufficjali quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, dana kellu jitqies bhala opposizzjoni ai fini tal-Artikolu 166A.

Jirrizulta, di fatti, illi r-rikorrenti jikkontendu illi, ghalkemm l-opposizzjoni saret tramite Ittra Ufficjali ppresentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civile, "*il piu comprende il meno*", u ghalhekk kienet opposizzjoni valida.

Jirrizulta illi l-intimat, mill-banda l-ohra, jaghmel referenza ghal decizjoni moghtija minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fil-proceduri Nru 277/12 decizi fit 3 ta'Ottubru 2012 fl-ismijiet Monpalao Trading Limited vs Nestle Malta Limited, u jishaq illi, "*Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'sentenza moghtija nhar it-3 t'Ottubru 2012 fl ismijiet* ***Mompalao Trading Ltd (C 41123) vs Nestle Malta Ltd (C33045)*** *stabbilixxiet hekk*", u imbghad jghaddi biex jikkwota parti minn tali sentenza.

Jirrizulta, madanakollu, illi, a differenza ta' dak li ikkontenda l-intimat, il-parti tas-sentenza kkwotata mill-intimat, attwalment, ma hijiex id-decizjoni tal-Qorti kif sahaq l-istess intimat, izda hija attwalment l-kontenut tar-risposta tas-socjeta Monpalao Trading Limited wara illi s-socjeta Nestle Malta Ltd kienet intavolat proceduri simili ghal dawk odjerni sabiex tattakka l-validita' ta' Ittra Ufficjali intavolata abbazi tal-Artikolu 166A kontra taghha u li kienet giet reza ezkuttiva.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-kawza fuq imsemmija, ossija **Mompalao Trading Ltd (C 41123) vs Nestle Malta Ltd (C33045)**, kellha l-fattispecje tal-kaz simili ghal dawk odjerni, ossija fejn is-socjeta illi kontra taghha inharget Ittra Ufficjali abbazi tal-Artikolu 166A, jigifieri Nestle Malta Limited, intavolat Ittra Ufficjali in risposta tal-Ittra Ufficjali 166A tas-socjeta Monpalao Trading Ltd flok ma ppresentat nota fl-atti tal-Ittra Ufficjali 166A, bir-rizultat illi l-Ittra Ufficjali tas-socjeta Monpalao Trading Ltd eventwalment giet reza ezegwibbli stante illi ma kien hemm ebda nota fl-atti taghha.

Jirrizulta illi, f'dak il-kaz, il-Qorti tal-Magistrati, fid-decizjoni fuq imsemmija, kienet iddecidiet illi, minkejja li kienet saret Ittra Ufficjali u mhux nota fl-atti tal-Ittra Ufficjali kif tghid il-Ligi, "*tali opposizzjoni hi valida ghal kull effett u fini tal-ligi applikabbli*" u dana ghax, skond dik il-Qorti, "*is-socjeta rikorrenti marret oltre dak rikjest bhala minimu mill-artikolu 166A citat*".

Dina l-Qorti, madanakollu, ma tistax taqbel mal-konkluzjoni ta' dik il-Qorti, u ghalhekk ma taghmilx taghha ir-ragunament minnha maghmul.

Jirrizulta, in fatti, illi l-ligi li tirregola l-Ittra Ufficjali intavolata abazi tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 hija **cara u inekwivoka**, u dana meta tobbliga lill min jadopera tali Ittra biex javza lill min jirceviha illi jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum minn mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali, u dana **permezz ta' nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali,** fejn huwa joggezzjona ghat-talba lilu maghmulha, tali talba tigi ezegwibbli kontra tieghu.

Jirrizulta, ghalhekk, bl-aktar mod car u inekwivoku, illi l-ligi tesigi li, sabiex Ittra Ufficjali intavolata a tenur tal-Artikolu 166A ma tigix rez Ezekuttiva, irid ikun hemm oggezzjoni inserita fl-atti ta' l-istess Ittra.

Ghalhekk, ir-rikorrenti kienu obbligati illi jaghmlu l-oggezzjoni taghhom ghat-talba illi kien qieghed jaghmel l-intimat kontra taghhom permezz tal-Ittra Ufficjali Nru 2029/2017 **permezz ta' nota**, u bl-ebda mod iehor.

Jirrizulta illi r-rikorrenti ghazlu illi jlehhnu l-oggezzjoni taghhom ghal dak mitlub mill-intimat permezz ta Ittra Ufficjali, flok nota kif trid il-Ligi, liema Ittra giet ippresentata quddiem Qorti totalment differenti, ossija il-Prim Awla tal-Qorti Civili, flok il-Qorti tal-Magistrati, fejn originalment kienet ppresentata l-Ittra Ufficjali li issa qed jattakaw ir-rikorrenti.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, kif gia indikat, l-procedura tal-Ittra Ufficjali abbazi tal-Artikolu 166A hija procedura specjali u hija regolata b'mod car b'dak ipprovdut fl-Artikolu 166A u 166B tal-Kap 12, u ghalhekk kwalsiasi kontestazzjoni ghal l-Ittra meritu tal-kawza odjerna kellha ssir biss bil-mod stabbilit fil-Ligi, u bl-ebda mod iehor.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici kif dedotti.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur